MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1588/2002

**John Desira**

**vs**

**Mario Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tmien mija u erba' u hamsin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm854.76) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan it-Tribunal, danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' April 2002 gewwa Triq Regjonali, San Giljan bejn il-vettura bin-numru IAL 718 propjeta ta' l-attur u l-vettura JAS 034 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda u ra d-dokumenti.

Ikkunsidra:

1. Fid-19 ta’ April 2002 sehh incident tat-traffiku gewwa Triq Regjonali, Msida.

2. Il-vettura IAL 718 [misjuqa minn Keith Desira] kienet ghaddejja minn Triq Regjonali, filwaqt li dik misjuqa mill-konvenut harget minn Triq Birkirkara. L-incident sehh proprju mal-bokka tat-tunnel.

3. M’hemmx ombra ta’ dubju li Triq Regjonali hija triq principali filwaqt li Triq Birkirkara, hija triq sekondarja.

4. Wara li t-Tribunal qies il-provi huwa moralment konvint li l-htija ghall-incident ghandha tigi akkollata unikament fuq il-konvenut li ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu meta hareg minn Triq Birkirkara. Il-konvenut xehed li meta gie biex johrog fi Triq Regjonali ma rax il-vettura misjuqa minn Keith Desira gejja minn fuq il-lemin tieghu. Dikjarazzjoni li ma tista’ tfisser xejn ghajr li l-konvenut ma kienx qieghed izomm *a proper lookout* fis-sens li jew ma harisx jew jekk hares ma rax dak li kien quddiem ghajnejh. F’dik il-parti tat-triq il-vizwali hija fit-tul u m’hemmx ostakoli. Ghalhekk il-konvenut ma jista’ jressaq l-ebda skuzanti.

5. Wiehed ma jistax ma jsemmix ukoll li l-konvenut ma kienx konsistenti fix-xhieda li ta. I|nizjalment xehed li l-incident sehh taht il-mina. In kontro-ezami xehed l-incident sehh meta kien beda diehel fil-mina. Imbaghad wasal biex ighid li ma setax ighid kienx dahal fil-mina. B’riferenza ghax-xhieda li ressaq il-konvenut, dawn ma jistghux jitfghu wisq dawl stante li ftit li xejn raw ghalkemm kienu riekbin fil-vettura ta’ wara dik misjuqa mill-konvenut.

6. B’riferenza ghad-danni reklamati, dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija u erba’ u

hamsin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm854.76) Danni kkagunati fl-incident tat-traffiku li sehh fi Triq Regjonali u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut, u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------